

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq ksur tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.
- Ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni Ewropea aċċettat il-fatt li r-rikorrenti kienet assistita minn entità ġuridika oħra u għaldaqstant ħolqot aspettattiva leġittima li l-ispejjeż li rriżultaw minn din ir-relazzjoni hija perfettament eliġibbli.
6. Is-sitt motiv ibbażat fuq nuqqas ta' ċarezza fir-regoli applikabbli tas-Sitt Programm-Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku.
- Ir-rikorrenti ssostni li skont l-Artikolu 1162 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan, fejn jirriżulta li hemm inċertezza, ftehim għandi jiġi interpretat kontra min jistipulah u favur min jikkuntratta l-obbligu. Ir-regoli kuntrattwali applikabbli għas-Sitt Programm-Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp Teknoloġiku jirriżultaw minn klawżoli "standard" stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea, li magħhom ir-rikorrenti ma kellhiex għażla oħra ħlief li tikkonforma, fejn b'hekk kienet il-parti li kkuntrattat l-obbligu. Din is-sitwazzjoni, flimkien mal-fatt li dawn il-klawżoli joħlqu problemi evidenti ta' interpretazzjoni, hekk kif jirriżulta min-numru kbir ta' rikorsi bihom bħala suġġett quddiem il-Qorti Ġenerali, tiġġustifika l-fatt li l-inċertezza għandha tibbenefika lir-rikorrenti. L-interpretazzjoni tar-regola tal-Artikolu 1162 tal-Kodiċi Ċivili Belġjan jippermetti lill-qorti tinterpreta d-dispożizzjonijiet redatti b'mod ħażin jew li huma ambigwi kontra l-awtur tagħhom, jiġifieri l-Kummissjoni.

**Appell ippreżentat fil-31 ta' Marzu 2015 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Jannar 2015 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-1/14 u F-48/14, Kakol vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-152/15 P)

(2015/C 190/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, avukati)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Danuta Kakol (Lussemburgu, il-Lussemburgu)

**Talbiet**

L-appellanti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-22 ta' Jannar 2015 fil-Kawża magħquda F-1/14 u F-48/14, Kakol vs Il-Kummissjoni;
- tibgħat lura r-rikors F-48/14 quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, billi l-appellanti rtirat ir-rikors tagħha fil-Kawża F-1/14;
- tiriserva l-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka tliet aggravji.

1. L-ewwel aggravju bbażat fuq żball ta' liġi, billi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (iktar 'il quddiem it-"TSP") qies, fil-preżenza ta' kundizzjonijiet għall-ammissjoni "simili", li bord tal-għażla huwa obligat jimmotiva d-deċiżjoni li ma jaċċettax kandidat għall-eżamijiet fid-dawl tal-evalwazzjoni mogħtija minn bord tal-għażla ieħor f'kompetizzjoni oħra fir-rigward tal-istess kandidat.
2. It-tieni aggravju bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, billi t-TSP irrikonoxxa li n-nazzjonalità tal-kandidati kienet kundizzjoni għall-ammissjoni miżjuda mal-oħrajn iżda li, minkejja dan, ma kinitx ta' natura li tidistingwi ż-żewġ avviżi ta' kompetizzjoni inkwistjoni.

3. It-tielet aggravju bbażat fuq żnaturament ta' element essenzjali tal-proċess, billi t-TSP qies li l-bord tal-għażla ma spjegax f'hiex id-deċiżjoni tiegħu kienet differenti minn dik tal-bord tal-għażla preċedenti, meta l-Kummissjoni kkompletat b'mod ċar din il-motivazzjoni, kemm fl-atti tagħha kif ukoll fis-seduta.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – Hamcho u Hamcho International vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-153/15)**

(2015/C 190/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Mohamad Hamcho (Damasku, is-Sirja) u Hamcho International (Damasku) (rappreżentanti: A. Boesch, D. Amaudruz u M. Ponsard, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

- tordna li jiġi prodott il-proċess tal-Kawża T-43/12;
- tirriżerva lir-rikorrenti d-dritt ta' replika u, f'din l-okkażjoni, li jipproduċu dokumenti ġodda u jħarrku xhieda;
- tannulla, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw ir-rikorrenti:
  - ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/108 tas-26 ta' Jannar 2015;
  - id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/117 tas-26 ta' Jannar 2015;
- tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, il-partijiet jinvokaw żewġ motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-653/11, Jaber vs Il-Kunsill <sup>(1)</sup>.

<sup>(1)</sup> ĠU 2012, C 58, p. 12.

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Marzu 2015 – Jaber vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-154/15)**

(2015/C 190/26)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Aiman Jaber (Lattakia, is-Sirja) (rappreżentanti: A. Boesch, D. Amaudruz u M. Ponsard, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tordna l-produzzjoni tal-proċess tal-kawża T-653/11;
- tirriżerva d-dritt ta' replika tar-rikorrent u, f'din l-okkażjoni, li jipproduċi dokumenti ġodda u li jiġu mħarrka xhieda;